MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru 645/2006

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

vs

Kenneth Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identità numru 14081M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer:

1. fit-8 ta’ Ottubru 2004 u fix-xhur ta’ wara din id-data xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
2. fis-27 ta’ Ottubru 2004 irrenda ruhu komplici f’delitt fl-iffalsifikar ta’ cedola, polza, ordni jew document iehor illi

meta gie pprezentat sar hlas jew ittiehdu oggetti jew ingabar depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
3. fl-istess dati u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess cedoli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohra falsifikati;
4. fl-istess zmien u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi sar uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ntwera haga b'ohra sabiex titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm201.18 ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem 'Ta' Karla Cash and Carry Cellars';
5. fl-istess data u cirkostanzi assocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta'.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet riportati kontra l-imputat skond l-att ta' imputazzjoni jirreferu ghar-ricettazzjoni, il-falsifikazzjoni u l-uzu tad-dokument falz, it-truffa u l-assocjazzjoni. Minn dawn l-imputazzjonijiet hija l-ewwel wahda li tirrizulta. Tabilhaqq, mill-kwadru tal-fatti li svolgew mill-provi, li jirrizulta fic-cert hu x-xiri ta' affarijiet mill-istabbiliment ir-Rabat (Malta) maghruf "Ta' Karla Cash & Carry" ghall-liema l-hlas sar b'cekk li rrizulta misruq u konsegwentement ma ssarrafx. Dan jirrizulta li sar mhux mill-imputat izda minn terz, illum mejjet, li skond il-provi pprezentati u disponibbli lill-Qorti staqsa lill-imputat, meta kienu flimkien id-Detox, biex iwasslu r-Rabat fejn l-istabbiliment fuq imsemmi u kien dan it-terz li nizel u dahal fl-istabbiliment minn fejn xtara xi sigaretti u xorb li hallas

ghalihom b'cekk ta' haddiehor li ma ssarrafx. Skond l-imputat, imkien kontradett, talli kien wassal lil dan it-terz thallas minghandu Lm30. issa, l-provi ma wasslux sal-grad rikjest, li jippruvaw li l-imputat ffalsifika c-cekk li ntuza fix-xiri, wisq anqas ma tirrizulta t-truffa meta hu ghal kollox eskluz li kien hemm min-naha tal-imputat l-artifici u r-raggieri cioè l-'mise en scene' li jikkaratterizza r-reat ta' truffa, u, huwa eskluz mix-xhieda, li kien l-imputat li ndahal jew b'xi mod kellu x'jaqsam fix-xiri tal-affarijiet.

Fir-rigward ir-reat ta' ricettazzjoni, l-Qorti hi però tal-fehma illi l-imputat ghandu jirrispondi u jinstab hati taghha fuq is-semplici fatt li huwa ghazel li jghalaq ghajneh in dispett tac-cirkostanzi li kienu jew kellhom jindikawlu mod iehor dwar il-qerq li wettaq jew kien ser iwettaq it-terz bi skapitu tal-kwerelanti. Fir-ricettazzjoni, ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi.

Ghal dak li huwa r-reat ta' assocjazzjoni l-Qorti mhux qeghdha tirriskontra, fil-kaz in disamina, li jista' jissusisti r-reat minghajr almenu ma jintwera li kien hemm xi forma ta' akkordju preventiv mal-halliel. Li jirrizulta f'dan il-kaz hu li l-imputat wassal lill-halliel fejn ried li jwasslu, garr l-affarijiet li l-halliel kien akkwista permezz ta' qerq, u ghal dan ha kumpens ta' Lm30.

Inghad dan ghalhekk, issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza. Tilliberah mill-bqija. Rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9. Qieset il-fatturi kollha kompriza l-fedina penali xejn edifikanti tal-imputat. Tikkundannah disa' xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------